

# News Releases

Home » L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): April tal-2023



# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): April tal-2023

NR086/2023 Data tal-Ħruġ: 17 ta' Mejju 2023

*F'April 2023, ir-rata annwali tal-inflazzjoni hekk kif imkejla mill-HICP kienet 6.4 fil-mija, tnaqqis mis-7.1 fil-mija rreġistrata f'Marzu 2023.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F'April 2023, l-ogħla rati ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (11.4 fil-mija) u fl-Għamara, it-tagħmir tad-dar u manutenzjoni kontinwa tad-djar (8.3 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-inqas rati annwali tal-inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ilbies u x-xedd tas-saqajn (0.5 fil-mija) u fil-Komunikazzjoni (1.3 fil-mija) (Tabella nru 1).

## Ċart 1. Rati ta' inflazzjoni




Ċart nru 2 turi l-impatt irreġistrat mit-tnax-il taqsima tal-ECOICOP fuq ir-rata annwali tal-inflazzjoni. Impatt huwa kejl li jindika l-kontribuzzjoni fuq l-inflazzjoni għal kull taqsima. L-impatt jikkunsidra kemm il-piżijiet tal-indiċijiet armonizzati kif ukoll ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont it-taqsima.

F'April tal-2023, l-akbar impatt fuq l-inflazzjoni annwali ġie mill-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+1.99 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-ħalib, ġobon u bajd. It-tieni u t-tielet l-akbar impatti fuq l-inflazzjoni ġew innotati fl-Indiċi tar-Ristoranti u lukandi (+1.15 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u tipi ta' karburanti oħrajn (+0.75 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla fis-servizzi tar-ristoranti u fis-servizzi tal-manutenzjoni tad-djar, rispettivament (Ċart nru 2).

Min-naħa l-oħra, ma kienx hemm impatti 'l isfel fuq ir-rata annwali tal-inflazzjoni fix-xahar ta' April (Ċart nru 2).

## Ċart 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

April 2023




Nota: Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tikkumpara l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumaturi għal Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'April, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 6.4 fil-mija, 0.6 punti perċentwali inqas mir-rata ta' 7.0[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

## Ċart 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro




[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

Sors: NSO u Eurostat.